**L-għada tal-Għid**

L-għada tal-Għid, jum ieħor sebaħ,
Għaddew il-festi li kellna,
Erġajna dħalna fl-istess ċiklu
U ħa nkomplu fejn ħallejna.

Jalla issa tassew nitgħallmu
Kemm-il ħajja tibqa' rigal,
Minn fil-għodu sa tard fil-għaxija
Anki meta l-piż dlonk jitqal.

Inħarsu 'l quddiem lkoll ferħana
Magħna Kristu, tagħna l-ħabib,
Fil-problemi żgur se jweżinna
Lilu ħa nsibu fit-tiġrib.

Nagħmlu kuraġġ bil-qawwa kollha
Għalina Kristu hu t-tmunier,
Kemm iħobbna f'kull battikata
Għalina tassew hu l-Missier.

Issa li Kristu qam għall-ħajja
Wiċċna ssebbaħ bit-tbissima,
Li toħroġ daqshekk naturali
Meta 'l Alla tagħtih qima.

Ifraħ ifraħ ħija u oħti
Għalik kapitlu hemm miftuħ,
Għożż ma' qalbek lil Kristu tiegħek
Huwa d-duwa għal min miġrugħ.

Imxi miegħu t-triq bil-wisq ħelwa
Li tferrħek aktar milli tgħid,
Iggranfa miegħu b'qalbek kollha
Jum b'jum, millum, l-għada tal-Għid.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.